# Jum Dinji Missjunarju – 18 ta’ Ottubru 2020

Ħelow Tfal,

Jien il-ħabib tagħkom Rafiki, ġejt biex infakkarkom li waslet il-Ġurnata Missjunarja. Din is-sena ser ngħinu pajjiż fl-Afrika, il-Ghana. Din is-sena ser ngħinu skola oħra li jisimha ‘Dar Nazaret għat-Tfal ta’ Alla’ fid-Djoċesi ta’ Yendi fil-Ghana. Din id-dar hija kenn għat-tfal ta’ kull età li twieldu b’diżabilità u ma jkunux jistgħu jgħixu mal-familja tagħhom. Swor Stan Therese Mumuni ilha għaxar snin tmexxi din id-dar u bħalissa tieħu ħsieb iktar minn 60 tifel u tifla. Apparti l-ikel, kura tas-saħħa u kenn, Swor Stan tiżgura li t-tfal jirċievu edukazzjoni ta’ kwalità biex meta jikbru jsibu xogħol u jkunu kapaċi jmantnu lilhom infushom. Permezz tal-invilopp li qed inqassmulkom, aħna ser inkunu qed ngħinu lil din id-dar biex it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu biex ’il quddiem ikunu jistgħu jirritornaw fil-komunità tagħhom, jiżviluppaw u jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Din id-darba minħabba l-pandemija, meta timlew l-invilopp bi ftit mill-‘pocket money’ tagħkom u tpinġu l-affarijiet li għandkom fuq l-invilopp, ma’ kull 50ċ li titfgħu fih, iktbu d-dettalji tagħkom, ġibu dan l-invilopp u itfgħuh f’kaxxa apposta ta’ MissioTfal li ssibu l-iskola. B’hekk aħna nibqgħu siguri u xorta nkunu qed ngħinu lil Swor Stan flimkien ma’ ħafna missjunarji oħra, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu programmi edukattivi apposta għal dawn it-tfal u żgħażagħ għall-futur tagħhom.

**Nirringrazzjakom bil-quddiem.**



missioTFAL

Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
(V0/1178)

**www.missio.org.mt**

| | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom:** | |
| **Indirizz:** | |
| **Skola:** | **Klassi:** |
| **Imejl:** | **Mowbajl:** |

## Kunsens tal-Ġenituri / *Legal Guardians:*

Jiena nagħti l-kunsens tiegħi biex it-tifel/tifla tiegħi jagħti/tagħti d-dettalji t’hawn fuq, biex jintużaw għall-promozzjoni marbuta ma’ Missio matul is-snin 2020 u 2021.

Isem: ........................................ Firma: ........................................ Data: ........................................

Nru. 7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 1171, Malta | Missio: Nru. 150, Triq Lorenzo Gafà, il-Mosta MST 4128. | Tel: 2123 6962 | Imejl: info@missio.org.mt
Nru. 7, Triq l-Imgħallem, ir-Rabat VCT 9066, Għawdex | Tel: 2155 0267 | Imejl: gozo@missio.org.mt